Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 28 ta' April 2022
(OR. en)

8165/22
ADD 1
LIMITE
PV CONS 25
RELEX 480

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)

11 ta' April 2022

PUBLIC

## WERREJ

**Paġna**

### Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Ġrajjiet kurrenti ........ 3

4. Aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ........ 3

5. Global Gateway ........ 4

6. Affarijiet oħra ........ 4

***

## Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. **Ġrajjiet kurrenti**

**Mali**

Il-Kunsill iddiskuta s-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà fil-Mali, b'appoġġ għall-ftehim għal sospensjoni parzjali u riversibbli tal-missjonijiet ta' taħriġ tal-PSDK fil-Mali.

**Balkani tal-Punent**

Bi tweġiba għal talba minn xi delegazzjonijiet, ir-Rappreżentant Għoli kkonferma li l-Balkani tal-Punent ser ikunu punt sħiħ fuq l-aġenda fis-sessjoni li jmiss tal-Kunsill Affarijiet Barranin f'Mejju 2022.

**Libja**

Ir-Rappreżentant Għoli rrefera għas-sitwazzjoni fil-Libja u l-ħtieġa għal impenn kontinwu tal-UE.

**Jemen**

Ministru wieħed irrefera għas-sitwazzjoni fil-Jemen, fejn laqa' l-waqfien mill-ġlied reċenti filwaqt li għadhom meħtieġa taħditiet politiċi.

4. **Aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna**
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. L-enfasi kienet fuq l-importanza ta' unità kontinwa ta' rispons tal-UE, aktar appoġġ għall-Ukrajna, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni ma' pajjiżi terzi, is-sigurtà tal-ikel u r-responsabbiltà għal delitti tal-gwerra.



PUBLIC

5. **Global Gateway**
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-Global Gateway, fejn qabel dwar l-importanza akbar tiegħu fid-dawl tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna. Ser tkompli l-ħidma fuq il-Global Gateway fil-Kunsill.

6. **Affarijiet oħra**

Għadd ta' Ministri qajmu l-kwistjoni tal-iżborż tal-assistenza finanzjarja tal-UE lill-Awtorità Palestinjana, li r-Rappreżentant Għoli wiegħed li jwassal lill-President tal-Kummissjoni.

Ir-Rappreżentant Għoli rrefera għas-sitwazzjoni fl-Etjopja u ppropona li jiġi organizzat skambju ta' fehmiet ministerjali f'sessjoni li jmiss tal-Kunsill Affarijiet Barranin.

PUBLIC